**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 2 ta' Frar 2023**

**Kawża Numru: 10**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 959/2022 JVC**

**Maruska Xerri I.D. 674960M u zewgha George Scerri I.D. 397359M li fil-passaport bin-numru 1011445 huwa maghruf bil-kunjom Xerri**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti premettew u talbu kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti George twieled nhar it-3 ta’ Gunju tas-sena 1959 u gie registrat bhala ‘George’ bin ‘Carmel Xerri’, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu hawn anness u markat **Dok A.**

2. Illi dawn il-partikolaritajiet, senjatament il-kunjom ‘Xerri’ ma jikkonformax mal-istess partikolaritajiet kif jirrizultaw mic-certifikat tat-twelid ta’ missier l-esponenti George, u cioe’ Carmelo Scerri, (Vide **Dok B**), li baqa’ maghruf bil-kunjom Scerri sal-mewt kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat tal-mewt tieghu hawn anness u markat **Dok C**.

3. Illi ghal xi raguni li ma hix maghrufa ghall-esponenti, fic-certifikat tat-twelid tieghu gie ndikat il-kunjom ‘Xerri’ minflok ‘Scerri’.

4. Illi meta l-esponenti George zzewweg lill-esponenti l-ohra Maruska, fic-certifikat taz-zwieg taghhom, il-kunjom gie indikat bhala ‘Xerri’, kif jirrizulta minn kopja tal-istess certifikat hawn anness u markat **Dok D**.

5. Illi matul iz-zwieg tal-partijiet twieldu zewg ulied, u cioe’ Andrei Scerri u Roberta Scerri, fejn fic-certifikati tat-twelid tal-istess ulied il-kunjom taz-zewg esponenti gie indikat bhala ‘Scerri’ u mhux ‘Xerri’, kif jirrizulta minn kopja tal-istess certifikati hawn annessi u rispettivament markati **Dok E** u **Dok F**.

6. Illi oltre dan, fuq il-karta tal-identita’ tieghu, l-esponenti George huwa maghruf bil-kunjom ‘Scerri’ (Vide **Dok G**), izda fuq il-passaport il-kunjom huwa ndikat bhala ‘Xerri’, Vide **Dok H**.

7. Illi sa ftit tax-xhur ilu, fuq il-karta tal-identita' tal-esponenti Maruska, hija kienet maghrufa bil-kunjom 'Scerri' (Vide **Dok I**), izda meta f'April tas-sena 2022 hija marret sabiex iggedded il-passaport taghha, hija giet infurmata illi l-kunjom kien 'Xerri' u mhux 'Scerri', tant illi l-istess passaport gie mahrug bil-kunjom 'Xerri'. Stante illi hija riedet issiefer sabiex izzur lil bintha gewwa l-Ingilterra, ma kellhiex ghazla ohra ghajr illi tmexxi ghall-hrug tal-passaport bil-kunjom 'Xerri', kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u markata **Dok J**. Wara l-hrug tal-passaport hija nghatat istruzzjonijiet sabiex tibdel il-karta tal-identita' taghha sabiex il-kunjom ikun jaqbel fiz-zewg dokumenti, (Vide **Dok K**).

8. Illi l-kunjom li konsistentement uzaw u ghadhom juzaw iz-zewg esponenti huwa 'Scerri' u mhux 'Xerri' u din id-differenza issa qieghda tohloq konfuzjoni.

9. Illi kif jirrizulta minn kopja tal-licenzja tas-sewqan taz-zewg esponenti, it-tnejn huma indikati bil-kunjom 'Scerri' (Vide **Dok L** u **Dok M**). L-istess kunjom 'Scerri' huwa wkoll indikat fuq il-kont tal-ARMS, kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u markat **Dok N**.

10. Illi huwa evidenti illi kien l-izball li sar fic-certifikat tat-twelid tal-esponenti George li holoq din il-konfuzjoni shiha.

11. Illi din is-sitwazzjoni qieghda tohloq inkonvenjent minhabba li lill-partijiet hadd ma jafhom bil-kunjom 'Xerri', tant illi l-istess zewg ulied tal-esponenti gew registrati bil-kunjom 'Scerri'.

12. Illi tali inkonsistenza qieghda tikkawza diffikultajiet prattici, u ghalhekk huma ghandhom interess skont il-ligi, inter alia ai termini tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li ssir id-debita annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-esponenti George u fic-certifikat taz-zwieg taz-zewg esponenti.

13. Illi ghalhekk kellha tigi ntavolata din il-kawza sabiex tigi regolata l-pozizzjoni taz-zewg esponenti b'dan illi jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikati tat-twelid u taz-zwieg u dan sabiex dawn jirriflettu r-realta' tal-fatti u ma tkomplix tigi kreata konfuzjoni.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu illi prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara li l-kunjom li bih l-esponenti huma konsistentement maghrufa huwa 'Scerri' u mhux 'Xerri'.

2. Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fic-ceritifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni tlieta – disgha – sebgha – tlieta zbarra wiehed – digha – hamsa – disgha (3973/1959) sabiex kunjom ir-rikorrenti jigi jaqra Scerri flokk Xerri;

3. Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fic-certifikat taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni wiehed – zero – tlieta – tlieta zbarra wiehed – disgha – disgha – wiehed (1033/1991) fis-sens illi ssir annotazzjoni generali fl-istess att tal-istat civili fis-sens illi t-tibdil fir-rigward tal-kunjom tar-ragel

ghandu jkun estiz ghall-kunjom adottat mill-mara maz-zewg;

4. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3973/1959 u fic-certifikat taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni 1033/1991.

5. Peress illi jirrizulta li l-izball sar mir-Registru Pubblikuu mhux mill-esponenti, allura kull spiza f'din il-kawza ghandha tigi sopportata interament mir-Registru intimat.

Dan taht dawk il-provedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti essenzjalment qegħdin jitolbu bidla fil-kunjom sabiex minflok Xerri jiġi jaqra Scerri, stante illi skonthom, dan tal-aħħar huwa l-kunjom li bih huma dejjem kienu magħrufin;

4. Illi l-esponent jissottometti li għalkemm il-pożizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-liġi, huwa minnu wkoll li l-Qrati tagħna qegħdin ikunu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn, u għalhekk l-esponent ser ikun qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

5. Illi strettament mingħajr preġudizzju għall-premess, qed jiġi rrilevat illi r-rikorrenti ppreżentaw biss estratti tal-atti tal-istat ċivili tagħhom, u konsegwenza ta' dan, hemm diversi impreċiżjonijiet fit-talbiet attriċi, li l-esponent ser ikun qiegħed iġib għall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fl-eċċezzjonijiet li jsegwu. L-estratti ma fihomx l-informazzjoni kollha li tinsab fuq l-atti tal-istat ċivili oriġinali, u huma biss iċ-ċertifikati l-kbar li effettivament huma vera kopja tal-atti tal-istat ċivili rreġistrati fir-Reġistru Pubbliku;

6. Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, qed jiġi rrilevat li l-kolonna ċitata mill-atturi teżisti biss fl-estratt u mhux fl-att tat-twelid oriġinali. Sabiex kunjom ir-rikorrent jinbidel għal Scerri, jeħtieġ li ssir annotazzjoni ġenerali f'dan is-sens fl-Att tat-Twelid oriġinali tar-rikorrent George, vera kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u

mmarkata **Dok. DRP 1**, stante illi fl-1959 ma kienet teżisti ebda intestatura li tindika kunjom il-wild. In oltre, il-kunjom tal-missier fuq l-istess Att tat-Twelid tar-rikorrent ma jistax jinbidel stante illi kwalunkwe tibdil jista' jsir biss fir-rigward tar-rikorrenti nfushom u/jew tad-dixxendenti tagħhom skont il-liġi;

7. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu fir-rigward tal-ewwel parti tat-talba, li tikkonċerna l-isem u l-kunjom tar-rikorrent, filwaqt li jirrileva li la darba l-mara ħadet kunjom żewġha mażżwieġ, għandha ssir annotazzjoni ġenerali fuq l-Att taż-Żwieġ innumerat 1033/1991, vera kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata **Dok. DRP 2**, sabiex jiġi speċifikat li t-tibdil fir-rigward tal-kunjom tar-raġel għandu jkun estiż għall-kunjom adottat mill-mara mażżwieġ. Fir-rigward tat-tieni parti tat-talba, fejn qed jintalab tibdil fil-kunjom tal-ġenituri fuq l-istess Att taż-Żwieġ, kif diġa' intqal fl-eċċezzjoni preċedenti, dan mhux possibbli stante illi l-liġi tippermetti biss tibdil fid-dettalji tar-rikorrenti u fejn ikun hemm, fl-atti li jikkonċernaw lid-dixxendenti, u mhux lill-axxendenti;

8. Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, l-esponent ikun f'pożizzjoni li jagħmel il-korrezzjonijiet li tista' tordnalu din l-Onorabbli Qorti kemm-il darba r-rikorrenti jemendaw it-talbiet tagħhom kif indikat fl-eċċezzjonijiet preċedenti;

9. Illi fir-rigward tal-ħames talba attriċi, id-Direttur intimat jissottometti li kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, ma sar ebda żball mill-esponent. Kif jindikaw

id-dokumenti annessi ma' din ir-risposta, l-atti tal-istat ċivili li fihom qed jintalbu korrezzjonijiet jinkludu d-dettalji li kienu kkonfermati mir-rikorrenti nfushom jew mill-axxendenti tagħhom, kif jixhdu l-firem tal-persuni kkonċernati, u għalhekk ma jistax jingħad li l-proċeduri odjerni huma attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tal-esponent. Konsegwentement, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.'

Rat illi a fol. 22 tal-proċess ġiet esebita l-publikazzjoni skont il-Liġi.

Rat il-verbal tal-lum fejn il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni fir-rikors ġuramentat.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat, kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku intimat mill-liema jirriżulta li effettivament oriġinarjament ir-rikorrent ġie rreġistrat bil-kunjom Xerri li jinkiteb b'ittra "X" u għal dan iffirma missier l-istess rikorrent. Rat iżda li mat-trapass taż-żmien kienu l-istess awtoritajiet li rrikonoxxew il-kunjom Scerri jinkiteb b'ittri "SC" u mhux b'ittra "X" tant illi fl-atti ġiet esebita kopja tal-karta tal-identità tar-

rikorrent li turi l-kunjom miktub 'Scerri'. Illi in vista tad-dokumentazzjoni u l-provi kollha esebiti l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata ju ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif isegwi:

1. Fl-ewwel lok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrenti huma konsistentement magħrufa huwa 'Scerri' mhux 'Xerri';

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li hi meħtieġa li ssir annotazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3973/1959 sabiex kunjom ir-rikorrent jiġi jaqra 'Scerri' u mhux 'Xerri';

4. Tilqa' it-tielet talba u tiddikjara li hi meħtieġa issir annotazzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ bin-numru ta' l-iskrizzjoni 1033/1991 fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' jiġi jaqra l-isem George Scerri minflok George Xerri u ssir annotazzjoni ġenerali fl-istess att tal-istat ċivili fis-sens li t-tibdil fir-rigward tal-kunjom tar-raġel għandu jkun estiż għall-kunjom adottat mill-mara maż-żwieġ;

5. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta;

6. Tiċħad il-ħames talba;

7. Tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu, 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**2 ta' Frar 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**2 ta' Frar 2023**